MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 469/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Carlene Josianne Cooper K.I 144102(L)**

It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tieghu is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, seba' mija erbgha u sebghin Ewro u ghaxar centezmi (€1,774.10) - rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' Laptop Connect, kont numru *A/C 51070347,* li jinkludi HP Compaq 610 u Bandluxe C270, moghtija mis-socjeta` attrici lill-konvenuta, u dana skont kuntratt tad-29 ta' Mejju 2010 esebit a fol. 2 tal-process.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba u wkoll bl-avviz tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta` attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici is-somma ta' elf, seba' mija erbgha u sebghin Ewro u ghaxar centezmi (€1,774.10), bl-imghax legali dekorribbli mis-6 ta' Lulju 2012, li hija d-data tal-prezentata tal-avviz, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjez huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------